

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof – l-Awstrija) – Schiebel Aircraft GmbH vs Bundesminister für Wirtschaft, Familie und Jugend**

(Kawża C-474/12) <sup>(1)</sup>

**(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Libertà ta' stabbiliment — Moviment liberu tal-ħaddiema — Nondiskriminazzjoni — Artikolu 346(1)(b) TFUE — Protezzjoni tal-interessi vitali tas-sigurtà ta' Stat Membru — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovd li r-rappreżentanti legali ta' kumpannija li teżerċi ta l-kummerċ ta' armi, ta' munizzjon u ta' materjal tal-gwerra f'dan l-Istat għandu jkollhom in-nazzjonaliità tal-Istat imsemmi)**

(2014/C 395/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Schiebel Aircraft GmbH

Konvenuta: Bundesminister für Wirtschaft, Familie und Jugend

**Dispożittiv**

L-Artikoli 45 TFUE u 49 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq il-kumpanniji li jixtiequ jeżerċitaw attivitajiet fil-qasam tal-kummerċ ta' armi u ta' munizzjon militari u f'dak tal-intermedjar fix-xiri u fil-bejgħ ta' dawn tal-aħħar, li l-membri tal-korpi ta' rappreżentanza legali tagħhom jew is-soċju direttur tagħhom ikollu n-nazzjonaliità ta' dan l-Istat Membru. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-Istat Membru li jinvoka l-benefiċċju tal-Artikolu 346(1)(b) TFUE bil-għan li jiġġustifika tali leġiżlazzjoni jistax jipprova l-ħtieġa li jirrikorri għad-dheroga stabbilita f'din id-dispożizzjoni bil-għan li jipproteġi l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 26, 26.01.2013.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Settembru 2014 – Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) SA vs Corsica Ferries France SAS, Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Franċiża (C-533/12), Ir-Repubblika Franċiża vs Corsica Ferries France SAS, Il-Kummissjoni Ewropea, Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) SA (C-536/12)**

(Kawża magħquda C-533/12 P u C-536/12 P) <sup>(1)</sup>

**(Appell — Għajnuna għar-ristrutturazzjoni — Marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea — Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea — Test ta' investitur privat f'ekonomija tas-suq — Rekwiżit ta' analiżi settorjali u ġeografika — Praktika suffiċċientement stabilita — Razzjonalità ekonomika għal perijodu twil — Ħlas ta' allowances addizzjonali ta' tkeċċija)**

(2014/C 395/07)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

**Partijiet**

(Kawża C-533/12 P)

Appellanti: Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) SA (rappreżentanti: A. Winckler u F.-C. Laprévote, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Corsica Ferries France SAS (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati), Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues, N. Rouam u J. Rossi, aġenti)

(Kawża C-533/12 P)

Appellanti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues, D. Colas, N. Rouam u J. Rossi, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Corsica Ferries France SAS (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati), Il-Kummissjoni Ewropea, Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) SA (rappreżentanti: A. Winckler u F.-C. Laprévote, avukati)

### Dispożittiv

- 1) *L-appelli huma miċħuda.*
- 2) *Is-Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) SA u r-Repubblika Franċiża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti minn Corsica Ferries France SAS, b'mod indaq.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 32, 02.02.2013.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Najvysshí súd Slovenskej republiky – is-Slovakkja) – Michal Zeman vs Krajské riaditeľstvo Policajného zboru v Žiline**

(Kawża C-543/12) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 91/477/KEE — Ħruġ tal-Pass Ewropew tal-armi tan-nar — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva l-ħruġ ta' tali pass biss għall-pussessuri ta' armi tan-nar għal-finijiet tal-prattika tal-kaċċa jew tal-isparar fuq bersall)*

(2014/C 395/08)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

### Qorti tar-rinviju

Najvysshí súd Slovenskej republiky

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Michal Zeman

Konvenut: Krajské riaditeľstvo Policajného zboru v Žiline

### Dispożittiv

*Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1991, dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi, kif emendata bid-Direttiva 2008/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2008, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tawtorizza l-ħruġ ta' Pass Ewropew tal-armi tan-nar biss lill-pussessuri ta' arma għall-finijiet tal-prattika tal-kaċċa jew tal-isparar fuq bersall.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 63, 02.03.2013.